DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/88

tad-9 ta' Jannar 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Jannar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 [1].

(2) Abbażi ta' rieżami tal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/254, jenħtieġ li l-entrati għal ħames individwi jiġu aġġornati. Barra minn hekk, il-miżuri restrittivi stipulati f'dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġu estiżi sat-13 ta' Jannar 2027.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/254 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, id-data "13 ta' Jannar 2026" hija sostitwita bid-data "13 ta' Jannar 2027";

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. RAOUNA

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/254 tat-12 ta' Jannar 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala (ĠU L, 2024/254, 15.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/254/oj).

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/254, taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”, l-entrati bin-numru 1, 2, 3, 7 u 8 huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista	Data tal-elenkar
“1.	María Consuelo PORRAS ARGUETA DE PORRES	Pożizzjoni(jiet): Avukat Ġenerali tal-Gwatemala, Kap tal-Ministeru Pubbliku (Ministerio Público) tal-Gwatemala Data tat-twelid: 23.8.1953 Nazzjonalità: Gwatemaljana Numru ta’ identifikazzjoni nazzjonali: 242159605 (passaport) Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Avukat Ġenerali tal-Gwatemala, l-ogħla impjegat taċ-ċivil fil-Ministeru Pubbliku (Ministerio Público) tal-Gwatemala (ekwivalenti għall-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew Kap Prosekutur), María Consuelo Porras Argueta De Porres (magħrufa wkoll bħala ‘Porras’) hija involuta fi sforzi biex jiġu annullati r-riżultati tal-ewwel u t-tieni ċiklu ta’ elezzjonijiet li saru f’Ġunju u f’Awwissu 2023, inkluż permezz ta’ investigazzjonijiet kriminali foloz immirati lejn it-Tribunal Elettorali Suprem, il-partit politiku Movimiento Semilla u l-President Arévalo. Barra minn hekk, taħt it-tmexxija tagħha l-Ministeru Pubbliku fetaħ proċedimenti arbitrarji kontra ġurnalisti indipendenti, prosekuturi, imħallfin, u attivisti tas-soċjetà ċivili inkluż mexxejja indiġeni u studenti. Għalhekk María Consuelo Porras Argueta De Porres hija responsabbli għal azzjonijiet li jdagħfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trasferiment paċifiku tal-poter fil-Gwatemala.	2.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista	Data tal-elenkar
2.	Ángel Arnoldo PINEDA ÁVILA	Pożizzjoni(jiet): Segretarju Ġenerali tal-Ministeru Pubbliku (Ministerio Público) tal-Gwatemala Data tat-twelid: 10.5.1975 Nazzjonalità: Gwatemaljana Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 238937186 (passaport) Sess: raġel	Ángel Pineda Ávila huwa s-Segretarju Ġenerali tal-Ministeru Pubbliku (Ministerio Público) tal-Gwatemala, (ekwivalenti għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku). Huwa t-tieni fil-kmand fil-Ministeru Pubbliku wara l-Avukat Ġenerali, u l-Kap tas-Segretarjat Ġenerali ta' dik l-istituzzjoni. F'dik il-pożizzjoni, Ángel Pineda Ávila huwa involut fi sforzi biex jiġu annullati r-riżultati tal-ewwel u t-tieni ċiklu ta' elezzjonijiet li saru f'Ġunju u f'Awwissu 2023, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali foloz immirati lejn it-Tribunal Elettorali Suprem, il-partit politiku Movimiento Semilla u l-President Arévalo. F'Diċembru 2023, huwa pparteċipa f'konferenza stampa fejn il-Ministeru Pubbliku ppreżenta pretensjonijiet li l-eżitu tal-ewwel ċiklu ta' elezzjonijiet f'Ġunju 2023 ma kienx validu. Fl-2025, Ángel Pineda Ávila kien involut fl-investigazzjoni falza ta' mexxejja indiġeni li kienu akkużati b'terroriżmu għall-azzjonijiet tagħhom fid-difiża tar-riżultati elettorali tal-2023. Għalhekk Ángel Pineda Ávila qed jipparteċipa f'azzjonijiet li jdagħfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trasferiment paċifiku tal-poter fil-Gwatemala.	2.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista	Data tal-elenkar
3.	José Rafael CURRUCHICHE CUCUL	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Speċjali Kontra l-Impunità, il-Ministeru Pubbliku (Ministerio Público) tal-Gwatemala Data tat-twelid: 28.7.1970 Nazzjonalità: Gwatemaljana Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 229488307 (passaport) Sess: raġel	José Curruchiche Cucul huwa l-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Speċjali Kontra l-Impunità (FECI), li jopera taħt il-Ministeru Pubbliku (Ministerio Público) tal-Gwatemala (ekwivalenti għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku). Taħt it-tmexxija tiegħu, il-FECI mexxa l-investigazzjoni li għaddejja dwar il-ħolqien tal-partit politiku Movimiento Semilla tal-President Arévalo. Huwa pparteċipa personalment fir-raid mill-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-bini tat-Tribunal Elettorali Suprem li kien jinvolvi l-ftuħ ta' kaxxi tal-voti ssiġillati. Barra minn hekk, huwa kien involut fit-talba għas-sospensjoni tal-personalità ġuridika ta' Movimiento Semilla f'Lulju 2023. Minbarra dan, f'Diċembru 2023, huwa pparteċipa f'konferenza stampa fejn il-Ministeru Pubbliku ppreżenta pretensjonijiet li l-eżitu tal-ewwel ċiklu ta' elezzjonijiet f'Ġunju 2023 ma kienx validu. Huwa kien involut personalment fl-investigazzjoni falza u fil-prosekuzzjoni falza ta' awtoritajiet eletti demokratikament, eks rappreżentanti tal-media (bħall-ġurnalist José Rubén Zamora), kif ukoll operaturi tal-ġustizzja, speċjalment l-investigazzjoni falza u l-prosekuzzjoni falza ta' dawk li ġġieldu kontra l-korruzzjoni u l-impunità mal-Kummissjoni Internazzjonali Kontra l-Impunità fil-Gwatemala (CICIG). Permezz ta' dawk l-azzjonijiet, José Curruchiche Cucul huwa involut fi sforzi biex jiġu annullati r-riżultati tal-elezzjonijiet tal-2023 fil-Gwatemala. Għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdagħfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trasferiment paċifiku tal-poter fil-Gwatemala.	2.2.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista	Data tal-elenkar
7.	Ricardo Rafael MÉNDEZ-RUIZ VALDÉS	Pożizzjoni(jiet): President, Foundation against Terrorism (Fundación contra el Terrorismo), FCT Data tat-twelid: 9.10.1959 Nazzjonalità: Gwatemaljana Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 268287872 (passaport) Sess: raġel Individwi assoċjati: Raúl Amílcar Falla Ovalle Entitajiet assoċjati: President, Foundation against Terrorism (Fundación contra el Terrorismo), FCT Media soċjali: https://x.com/rmendezruiz	Ricardo Méndez-Ruiz Valdés huwa l-President tal-Foundation Against Terrorism (Fundación contra el Terrorismo), FCT. L-FCT hija involuta f'kampanja ta' prosekuzzjonijiet politikament motivati mmexxija mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Gwatemala kontra ġurnalisti, mexxejja indiġeni, prosekuturi u mħallfin li kienu involuti fl-esponiment tal-korruzzjoni u l-impunità fil-Gwatemala kif ukoll kontra l-gvern elett demokratikament tal-Gwatemala, inkluż il-President Bernardo Arévalo. L-FCT bdiet għadd kbir ta' investigazzjonijiet kriminali kontra operaturi tal-ġustizzja, ġurnalisti u rappreżentanti tal-gvern billi ressqet ilmenti kriminali u billi aġixxiet bħala rikorrent terz fi proċedimenti kriminali li ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali tal-konvenuti. Permezz ta' dawk l-azzjonijiet, Ricardo Méndez-Ruiz Valdés ħa sehem f'azzjonijiet li jdgħajfu l-istat tad-dritt fil-Gwatemala, inkluż il-persekuzzjoni u l-intimidazzjoni tar-rappreżentanti tal-media, tas-soċjetà ċivili, u tal-avukati, l-imħallfin u l-prosekuturi.	12.6.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista	Data tal-elenkar
8.	Raúl FALLA OVALLE	Pożizzjoni(jiet): Rappreżentant legali, Foundation against Terrorism (Fundación contra el Terrorismo), FCT Data tat-twelid: 9.11.1971 Nazzjonalità: Gwatemaljana Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 179421166 (passaport) Sess: raġel Individwi assoċjati: Ricardo Méndez-Ruiz Valdés Entitajiet assoċjati: President, Foundation against Terrorism (Fundación contra el Terrorismo), FCT Media soċjali: https://x.com/RaulFalla31	Raúl Falla Ovalle huwa r-Rappreżentant legali tal-Foundation Against Terrorism (Fundación contra el Terrorismo), FCT. L-FCT hija involuta f'kampanja ta' prosekuzzjonijiet politikament motivati mmexxija mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Gwatemala kontra ġurnalisti, mexxejja indiġeni, prosekuturi u mħallfin li kienu involuti fl-esponiment tal-korruzzjoni u l-impunità fil-Gwatemala kif ukoll kontra l-gvern elett demokratikament tal-Gwatemala, inkluż il-President Bernardo Arévalo. L-FCT bdiet għadd kbir ta' investigazzjonijiet kriminali kontra operaturi tal-ġustizzja, ġurnalisti u rappreżentanti tal-gvern billi ressqet ilmenti kriminali u billi aġixxiet bħala rikorrent terz fi proċedimenti kriminali li ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali tal-konvenuti. Permezz ta' dawk l-azzjonijiet, Raúl Falla Ovalle jieħu sehem f'azzjonijiet li jdgħajfu l-istat tad-dritt fil-Gwatemala, inkluż il-persekuzzjoni u l-intimidazzjoni tar-rappreżentanti tal-media, tas-soċjetà ċivili, u tal-avukati, l-imħallfin u l-prosekuturi.	12.6.2025”